# IS-SAJF TA' SAN MARTIN

"Dan x'ġara l-lum ġos-sema? Dan x'taha x-xemx il-lum?"
Qal f'qalbu l-werżieq
Għax skanta raha tilgħab—mas-sħab ta' mistoħbija
L-istess bħat-tfal tat-trieq.

U f'nofs ta' ġiri nstama'—il-bogħod, il-bogħod tgerbiba,
Kif waħda minn das-sħab
Bdiet tibki għaliex żelqet—xi demgħa l-werżieq laqtet
U kutu kutu għab.

Imma l-għaqrux qalbieni—fil-waqt qam għolla rasu
Il-qrun ħareġ it-tnejn
Ixabbat beda għonqu,—ried kieku jgħid lis-sħaba:
"Hawn jiena tibza' xejn!"

Mnejn għadda dal-bebbuxu—trieqat tal-fidda fetaħ
Li dawn iwasslu żgur
Għall-aħħar bajtra mxewka—għal xi rummiena tidħak
Imbewsa minn għasfur.

Ġol-ġwiebi Bakku jbaqbaq—irid li jfittex joħroġ
Biex dinja jimla bluh;
Il-qastan f'kenur sħajjan—iċaqċaq u jiċċaċċra
Idaħħan riħa tfuħ.

Ħemda. Kultant tbarqima—tiddina, xi tisfira,
Jew għanja ta' ġojjin,
Kultant tgħaddi ħuttafa—tpespsilna ġo widnejna
L'hu s-Sajf ta' San Martin.

Marì Meylak